

Terminoloġija

Suppliment ma' l-aċċent (ħarġa 17)

Produzzjoni sostenibbli permezz tal-aqwa tekniki disponibbli II



PRODUZZJONI SOSTENIBBLI PERMEZZ TAL-AQWA TEKNIKI DISPONIBBLI (IT-TIENI PARTI)

Il-glossarju ta' din il-hargha se jkompli fejn ħalla dak ta' qablu. L-għadd ta' termini marbuta mal-hekk imsejħa *Best Available Techniques Reference Documents (BREFs)* huwa mdaqgas sew għaliex l-oqsma li japplikaw dawn it-tekniki huma bosta. B'din it-tieni parti nrexxielna nkopru l-biċċa l-kbira tat-termini relatati ma' dan is-suġġett u l-bqija tat-termini u oħrajn ġodda li qed naħdmu fuqhom bħalissa tistgħu ssibuhom fil-[IATE public](#).

IL-GLOSSARJU FIS-SUPPLIMENT

Lista ta' termini Ingliż (EN) – Malti (MT) li tinkludi wkoll:

- il-kodiċi tal-kunċett li jservi ta' identifikatur fir-repożitorju terminoloġiku IATE (*InterActive Terminology for Europe*), u li nirreferu għalih bħala l-**"IATE ID"**;
- id-**definizzjoni** tat-terminu bil-Malti;

u fejn disponibbli,

- (i) **nota dwar il-kunċett** u/jew
- (ii) **nota dwar it-terminu** Malti kkonċernat.

It-Terminologi tal-Kummissjoni Ewropea

Jeantide Naudi u Jennifer De Barro

Ikkuntattjana fuq: DGT-TERMAL@ec.europa.eu

3567143	international toxic equivalent, I-TEQ	ekwivalenti tossiku internazzjonali, I-TEQ
	<p>Ponderazzjoni tat-tossiċità ta' komposti tossiċi tat-tip tad-diossina li tibbaża fuq tqabbil mat-tossiċità tal-aktar diossina tossika magħrufa, it-TCDD [IATE:133291], u li tapplika l-Fatturi ta' Ekwivalenza Tossika korrispondenti (TEF).</p> <p>Nota dwar il-kunċett: B'mod ġenerali din l-ekwivalenza qed tiġi sostitwita mill-fatturi ta' ekwivalenza tossika tal-WHO ("WHO-TEF").</p>	
1243964	isokinetic sampling	kampjunar isokinetiku
	<p>Teknika għall-ġbir tal-materja partikolata ajrutrasportata li tinvolvi kollektur iddisinjat sabiex il-fluss tal-arja li jkun dieħel fih ikollu veloċità ugwali għal dik tal-arja li tkun għaddejja madwar u barra l-kollektur.</p>	
1530896	isomerisation	isomerizzazzjoni
	<p>Il-proċess li bih molekula tiġi ttrasformata f'molekula oħra li jkollha eżatt l-istess atomi iżda b'arranġament differenti pereż. A-B-C → B-A-C (dawn il-molekuli relatati jissejġu isomeri [IATE:3535229]).</p>	
3567479	Jarofix proċess	proċess Jarofix
	<p>Proċess li jikkonsisti f'taħlit tal-preċipitati tal-gārožit [IATE:1220307] iffurmati waqt il-lissija tal-ferriti taż-żingu [IATE:1182838], bi proporzjonijiet prestabbiliti ta' siment Portland, ta' ġir [IATE:1240915] u ta' ilma.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-materjal stabbli li jirriżulta minn taħlita ta' gārožit ma' 2% ġir u 10% siment bil-piż, jissejjaħ "Jarofix".</p>	

1220307	jarosite	ġarożit
	Sulfat idruż bażiku ta' potassju u ta' hađid bil-formula kimika $KFe^{3+}_3(OH)_6(SO_4)_2$.	
1213753	kettle, kettle furnace	kitla
	Reċipjent b'sistema tat-tiħin integrata (taħdem bl-elettriku jew bil-fjuwil) iddisinjat għat-tidwib u r-raffinar ta' metalli nonferrużi b'punt tat-tidwib baxx bħal-landa, iż-żingu u l-liġi tagħhom.	
1485739	kraft pulp, sulphate pulp	polpa kraft
	Polpa kimika li tiġi mmanifatturata bl-użu tas-sulfur tas-sodju bħala l-kimika ewlenija għat-tisjir, laqx tal-injam li jiġu diġeriti f'likur alkalin tat-tisjir, soluzzjoni akwuża ta' idrossidu tas-sodju u sulfur tas-sodju (likur abjad). Ara wkoll: likur abjad [IATE:1076198].	
1367407	ladle	kuċċara, kuċċara tal-fundaturi
	Kontenitur tal-metall b'kisja rifrattarja li jintuża biex fih jitqiegħdu, jiġu ttrasportati u kkastjati l-metalli likwidi.	
3567294	ladle operation	operazzjoni tal-kuċċara
	Proċess tal-metallurġija maħdum fil- kuċċari [IATE:1367407].	

1251340	lamination	laminazzjoni
	Proċess li bih saff ta' karta dekorattiva jew fojl saturati bir-reżina jiġu fużi termalment ma' pjanċa mhux maħduma billi jiżdiedu l-pressjoni u s-sħana.	
1402348	landfill leachate, leachate	lissija tal-miżbla, lissija
	Kwalunkwe likwidu li jiġi ffiltrat minn ġo skart iddepożitat, u li jidher minn faċilità tal-iskart jew li jinżamm fiha, inkluż dranaġġ imniġġes, li jista' jaffettwa l-ambjent b'mod negattiv jekk ma jkunx ġie trattat b'mod adegwat.	
1367406	launder	kanal tal-iskular
	Kanal refrattarju inforrat li jintuża biex jittrasporta metall imdewweb bil-gravitazzjoni jew b'forzi elettromanjetiċi. Nota dwar il-kunċett: Normalment dan il-metall imdewweb jiġi ttrasportat minn forn għal kuċċarun jew minn kuċċarun għal forma.	
3533322	leachate	lissija
	Likwidu li jkun ipperkola minn ġo solidu u li jkun lissa ftit mill-kostitwenti tas-solidu.	
1140893	leaching liquor, leach liquor, lixiviant, leaching solution	likur tal-lixxivjazzjoni, soluzzjoni tal-lixxivjazzjoni, lixivjant
	Soluzzjoni milwiema li tintuża fl-idrometallurgija biex jiġi estratt il-metall minn materjali li jkun fihom il-metall, billi tinġiebu f'kontatt ma' dawn il-materjali.	

3564501	leak detection and repair	detezzjoni u tiswija tan-nixxijiet
	Kwalunkwe approċċ użat għad-detezzjoni u t-tiswija ta' nixxijiet fiżiċi mill-komponenti.	
1204175	lignite coke	kokk tal-linjite
	Residwu solidu artab miksub permezz tad-distillazzjoni niexfa tal-linjite fin-nuqqas tal-arja. Ara wkoll: kokk [IATE:1407818].	
1413693	lime kiln	forn tal-ġir
	Kalkara f'impjant tal- ġir [IATE:1240915] fejn il- franka [IATE:1351535] tiġi kalċifikata.	
1328758	liquefied petroleum gas, LPG	gass likwifikat miż-żejt, LPG
	Prodott sekondarju tar-raffinar taż-żejt li jikkonsisti minn idrokarburi li, f'temperaturi u pressjonijiet normali, ikunu fl-għamla ta' fwar (u mhux likwidi) iżda li jsiru likwidi fi pressjonijiet moderati. Nota dwar il-kunċett: Il-kostitwent ewlieni huwa l-propan u għalhekk kultant jissejjaħ b'dan l-isem.	
3567363	loss-in-weight feeding, loss-in-weight batching, loss-in-weight system	alimentazzjoni ta' telf fil-piż, sistema ta' telf fil-piż
	Sistema li fiha l-alimentatriċi, id-delu u l-materjal jiġu mwieżna kontinwament u waqt li l-alimentatriċi tiskarika l-materjal, ir-rata ta' tnaqqis fil-piż tas-sistema tiġi kkomputata, u l-veloċità tal-alimentatriċi tiġi aġġustata biex tinżamm ir-rata (stabbilita) mixtieqa.	

1182338	low-NO_x burner	berner baxx fl-NO_x
	<p>Berner li jikkontrolla t-taħlit tal-fjuwil u tal-arja biex joħloq fjammi akbar u aktar mifruxa, bil-għan li titnaqqas it-temperatura massima tal-fjamma filwaqt li tiġi kkompletata l-kombustjoni (għalkemm b'ċertu dewmien) u jżied it-trasferiment tas-sħana (biż-żieda tal-emissività tal-fjamma), li jirriżulta f'formazzjoni iżgħar ta' NO_x.</p> <p>Ara wkoll: ossidi tan-nitroġenu (NO_x) [IATE:47842].</p>	
1696796	machining	immaxinjar
	<p>Kwalunkwe proċess fejn biċċa materja prima tinqata' fil-forma u fid-daqs finali mixtieqa permezz ta' proċess ta' tneħħija kkontrollata ta' materjal.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-proċessi li għandhom din it-tema komuni - it-tneħħija kkontrollata ta' materjal - illum il-ġurnata huma kollettivament magħrufin bħala proċessi ta' manifattura sottrattiva, f'distinzzjoni mill-proċessi ta' żieda kkontrollata ta' materjal, magħrufin bħala proċessi ta' manifattura addittiva. X'timplika eżatt il-parti "ikkontrollata" tad-definizzjoni tista' tvarja, imma kważi dejjem timplika l-użu ta' għodda mekkaniċi (jiġifieri, mhux biss għodda tal-elettriku u għodda tal-idejn).</p>	
1485755	magnefite pulp	polpa manjefit, polpa bil-bisulfid tal-manjeżju
	<p>Polpa bi proprjetajiet ta' saħħa akbar meta mqabbla mal-polpa tas-sulfid, manifatturata bi proċess li juża l-manjeżju minflok is-sulfid u medda oġġla ta' pH (pH 3 - 5) li jirriżulta f'kundizzjonijiet tat-tisjir rotob.</p> <p>Ara wkoll: polpa [IATE:1485704]; polpa bis-sulfat [IATE:1485738] u polpa tas-sulfid [IATE:1485724].</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Din il-polpa tista' tkun magħmula wkoll mill-arżnu.</p>	
1251367	mat forming	tiswir tat-tapit
	<p>Proċess li bih il-partikuli, il-filamenti jew il-fibri jiġu mferrxa b'tali mod li jinħoloq tapit li mbagħad jgħaddi għal ġol-pressa.</p>	

1203902	matte	matta, metallina
	Taħlita mhux pura ta' sulfuri li ssir bit-tidwib tal-minerali sulfuriċi, l-aktar dawk tar-ram, tan-nikil u taċ-ċomb.	
1485727	mechanical pulp	polpa mekkanika
	Polpa [IATE:1485704] biex issir il-karta magħmula totalment b'mezzi mekkaniċi minn diversi materji primi.	
1622259	mediumboard	bord medja
	<p>Tip ta' fajberbord [IATE:1621783] prodotta fi proċess niedi u li jkollha densità ta' 400 - 900 kg/m.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Bord medja jista' jkollha kemm densità baxxa kif ukoll densità għolja.</p> <p>Ara wkoll: fajberbord ta' densità medja [IATE:1251369] u nnota d-differenza bejn il-kunċetti.</p>	
1206869	melamine	melamina
	Bażi organika u trimeru taċ-ċjanammid b'qafas ta' 1,3,5-triażina.	
1367454	melting	tidwib
	Tranżizzjoni minn fażi solida għal fażi likwida bl-applikazzjoni tas-sħana.	

1422211	melting furnace	forn tat-tidwib
	Forn li jintuża biex jiddewweb il-metall li jkun irid jintuża għall-ikkastjar.	
1073725	membrane bioreactor	bijoreattur b'membrana
	Unità tat-trattament tal-ilma mormi fejn is-separazzjoni tal-mikroorganiżmi titwettaq permezz ta' filtrazzjoni bil-membrani.	
119998	metal ore roasting, roasting	xiwi ta' minerali tal-metall, inkaljar ta' minerali metalliċi, xiwi, inkaljar
	<p>Proċess metallurġiku li jinvolvi reazzjonijiet ta' gass solidu f'temperaturi elevati bil-għan li jippurifika l-komponent(i) tal-metall.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Spiss, qabel ix-xiwi, il-mineral ikun diġà ġie ppurifikat parzjalment, pereż. bil-flotazzjoni tar-ragħwa. Il-konċentrat jitħallat ma' materjali oħra biex jiġi ffaċilitat il-proċess. It-teknoloġija hija utli imma hija wkoll kawża serja ta' tniġġis fl-arja. Ix-xiwi jikkonsisti minn reazzjonijiet termali ta' gass solidu, li jistgħu jinkludu l-ossidazzjoni, it-tnaqqis, il-klorinazzjoni, is-sulfatazzjoni u l-piroidroliżi. Fix-xiwi, il-mineral jew il-konċentrat tal-mineral jiġi trattat b'arja sħuna ħafna. Dan il-proċess huwa ġeneralment applikat għall-minerali sulfuri. Waqt ix-xiwi, is-sulfur jiġi mibdul f'ossidu, u s-sulfur jiġi rilaxxat bħala diossidu tas-sulfur.</p>	
1203899	metal ore sintering, sintering	sinterizzazzjoni ta' minerali tal-metall, sinterizzazzjoni
	It-tiġin ta' sustanza f'forma ta' trab mingħajr ma tiddeweb kompletament u li kawża t'hekk tiġi fuża f'massa solida iżda poruża.	
1100953	methylene diphenyl diisocyanate	metilendifenildiisocjanat
	Diisoċjanat aromatik u li jeżisti bħala tliet isomeri.	

1704677	microfiltration, micro filtration, MF	mikrofiltrazzjoni, MF
	Filtrazzjoni li tuża membrani b'daqs tal-pori ta' 0.1 – 10 µm.	
3565629	moving grate system, moving grate combustion	kombustjoni bi gradilja tiċċaqlaq
	<p>Sistema ta' kombustjoni fejn il-fjuwil jidħol fuq il-gradilja u meta dan jiġi ttrasportat fuq il-gradilja jinxf u jgħaddi minn piroliżi u minn kombustjoni qabel ma l-irmied jinġabar fil-qiegħ, filwaqt li l-arja tiġi miżjuda kemm, primarjament, minn taħt il-gradilja, u mbagħad anke minn fuq il-fjuwil, biex ikun hemm turbulenza u kuntatt aħjar bejn il-gass tal-kombustjoni u l-ossiġenu.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Din it-teknika ta' kombustjoni tintuża għall-inċinerazzjoni tal-iskart solidu muniċipali.</p>	
3565574	multi-opening press	pressa b'bosta fetħiet
	Pressa tal-pannelli li tippessa pannell wieħed jew iktar ifformat/i individwalment.	
3563727	natural greaseproof pulp mill	impjant tal-polpa naturali għall-karta reżistenti għall-griż
	Impjant li, permezz ta' materjali primi naturali biss u mingħajr l-użu ta' addittivi kimiċi, jipproduċi polpa mekkanika speċjali użata għall-produzzjoni ta' karta reżistenti għall-griż.	
1310126	neutral sulphite semi chemical pulp, NSSC pulp	polpa semikimika tas-sulfit newtrali, NSSC
	L-aktar tip komuni ta' polpa semikimika (i.e. taħlita ta' polpaġġ kimiku u mekkaniku) prodotta minn laqxa tal-injam li jkun parzjalment maċinat biex tiddgħajef ir-rabta bejn il-fibri u l-linjina u sussegwentement ittrattata b'mod mekkaniku f'raffinerija.	

1409090	off-gas	effluent gassuż
	Gass jew arja rrilaxxati minħabba proċess jew operazzjoni.	
3567674	off-gas dust	trab tal-effluent gassuż
	Trab miġbur mis-sistema ta' filtrazzjoni tal-emissjonijiet fl-arja (effluent gassuż [IATE:1409090]).	
1687777	olfactometry	olfattometrija
	Kejl tal-konċentrazzjoni tal-irwejjiaħ. Nota dwar il-kunċett: Proċedura ta' kejl bis-sensi li tuża l-immieħer tal-bniedem bħala l-apparat tal-kejl.	
3564482	optical gas imaging	teknika ta' immaġnijiet ottiċi tal-gass
	Teknoloġija li tuża kameras żgħar u ħfief li jippermettu l-viżwalizzazzjoni ta' nixxijiet tal-gass f'ħin reali.	
120396	oriented strand board, oriented structural board, OSB	pannell b'filamenti orjentati, OSB
	Pannell magħmul minn filamenti tal-injam imnixxfen li jitwaħħlu flimkien b'reżina li tibbies taħt l-influwenza ta' pressjoni għolja u ta' sħana qawwija.	

1328781	overhead, overhead product, top product, head product	prodott tal-quċċata
	Il-prodott li joħroġ mill-parti ta' fuq tal-kolonna tad-distillazzjoni.	
3567665	oxidic material, oxidic raw material, oxidic stream	materjal ossidiku
	Fil-produzzjoni tal-metall, materjal li jalimenta l-forn f'forma ta' ossidu (u mhux ta' metall jew ta' sulfur).	
156786	oxychlorination	ossiklorazzjoni
	Il-klorazzjoni (is-sostituzzjoni ta' atomu wieħed ta' idroġenu b'atomu wieħed ta' kloru) ta' alkeni jew ta' alkani permezz ta' klorur tal-idroġenu, ta' ossiġenu u ta' katalizzatur tal-klorur tal-kubrit.	
1354482	oxy-fuel burner	berner ossikombustibbli, berner b'ossiġenu u fjuwil
	Bernier li jitpoġġa fil-ħajt tal-ġenb tal-istruttura ta' forn bl-ark [IATE:1367245], li minflok arja, juża taħlita ta' fjuwil u ta' ossiġenu pur sabiex jitħaffef il-proċess tat-tidwib tal-karga.	
1207946	paper coating machine, coating machine, coater	magna tal-kisi
	Magna li tapplika saff jew kiswa uniformi fuq naħa jew fuq iż-żewġ naħat ta' karta, matul il-fażi tal-produzzjoni tal-karta jew f'fażi sussegwenti.	

1704847	packed bed wet scrubber, packed tower wet scrubber, packed tower scrubber, packed tower, packed bed scrubber	torri ppakkjat
	<p>Apparat tal-kontroll tat-tniġġis li jikkonsisti minn kompartiment li jkun fih saffi ta' materjali tal-imballaġġ ta' forom differenti, bħal ċrieki Raschig, ċrieki spirali, jew sruġ ta' Berl li jipprovdu erja ta' superfiċje kbira għall-kuntatt tal-partikuli mal-likwidu, fejn il-likwidu tal-purifikazzjoni jiġi introdott b'mod uniformi fuq l-imballaġġ (li jinżamm f'postu b'riffieda magħmula minn xbieki metalliċi u sostnuti bi pjanċa qrib il-qiegħ tal-purifikatur) u mbagħad jgħaddi 'l isfel minn ġos-sodda tal-imballaġġ.</p>	
3564593	parallel plate interceptor	interċettatur bil-pjanċi paralleli
	<p>Separatur b'serje ta' pjanċi paralleli mal-assi lonġitudinali tiegħu, użat l-iktar fis-separazzjoni bil-gravità ta' żejt liberu minn ilma effluent jew minn solidi sospiżi għat-trattament ta' ilma żejtnei f'sistema ta' ilma żejtnei.</p>	
3567335	paste plant, green mill	impjant tal-pasta
	<p>Parti mill-impjant ta' produzzjoni tal-anodi tal-karbonju li tiproduċi anodi tal-karbonju biex jintużaw fir-riduzzjoni tal-alumina għall-produzzjoni tal-aluminju fejn il-kokk petroliferu [IATE:1424198], it-truf riċiklati, u ż-żift [IATE:1205848] jiġihalltu bis-sħana.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-partijiet l-oħra tal-impjant huma l-impjant tal-ħami [IATE:3567337] tal-anodu u l-impjant tal-produzzjoni tal-vireg [IATE:3567339]. It-truf huma l-parti tal-karbonju li jifdal bħala residwu mill-anodi użati.</p>	
1581369	pelletising, pelletisation	pelitizzazzjoni
	<p>Proċess li jikkompressa u jifforma materjal fil-forma ta' pelit.</p>	

1073456	permeate, filtrate	permeat, filtrat
	Fluss li jkun fih il-penetranti u li joħroġ mill-modulu tal-membrana.	
1424198	petrol coke, petroleum coke, pet coke, petcoke, oil coke	kokk petroliferu
	Residwu solidu miksub mill-ikkokkjar u li jintuża għal skopijiet differenti kemm bħala fjuwil kif ukoll bħala materja prima.	
1155175	photo-ionisation	fotojonizzazzjoni
	Fenomeni li jsejnh meta l-assorbiment tar-radjazzjoni elettromanjetika minn atomu f'gass jinduċi lill-atomu biex jemetti elettron marbut u b'hekk isir jonizzat.	
1386367	pickling	tindif tal-metall bl-aċidu
	<p>Trattament għall-uċuħ tal-metalli li jintuża biex jitneħħew l-impuritajiet, bħal tbajja', kontaminanti inorganiċi, sadid jew qxur minn fuq metalli ferużi, ram, metalli prezzjużi u liġi tal-aluminju.</p> <p>Nota dwar it-terminu: Dan it-terminu ġie kkonfermat minn espert fil-qasam, li qalilna hekk: "Dawk li jaħdmu fil-mistier, għal 'pickling' jużaw 'tindif tal-metall bl-aċtu' u għal 'pickle' jużaw 'aċtu tat-tindif tal-metall'."</p>	
2251105	pinch analysis	analiżi pinch
	Metodoloġija użata bħala għodda għall-evalwazzjoni tal-proġettazzjoni tas-sistema kollha bl-għan li jsir użu effikaċi tal-enerġija, u bbażata fuq kalkolu sistematiku tal-oġġettivi termodinamiċi biex jitnaqqas għal minimu l-konsum tal-enerġija tal-proċessi.	

1205848	pitch	żift
	<p>Polimeru solidu, viskoelastiku, idderivat mill-qatran taż-żejt mhux maħdum jew tal-faħam.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Iż-żift jista' jiġi prodott ukoll mill-pjanti u f'dak il-każ jissejjaħ "raża". Hemm forom varji oħra taż-żift bħal: "qatran", "bitum" jew "asfalt". Fl-industriji tal-aluminju jintuża biss iż-żift tal-qatran tal-faħam, filwaqt li fl-industriji tal-produzzjoni tal-karbonju u l-grafit, jista' jintuża wkoll iż-żift taż-żejt mhux maħdum.</p>	
3567490	plasma dust proċess	proċess tat-trattament tat-trab bil-plażma
	<p>Proċess użat għat-trattament ta' residwi tal-impiegn tal-azzar (l-iktar trab EAF tal-azzar inossidabbli) li matulu materjal b'ħabba fina jiġi pproċessat mingħajr il-bżonn ta' agglomerazzjoni, sakemm l-alimentazzjoni tkun xotta.</p> <p>Ara wkoll: proċess tat-trattament tat-trab bil-plażma f'forn magħluq (kunċett relatat) [IATE:3567673].</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-forn fejn isir it-tidwib huwa mgħammar bi tliet ġeneraturi tal-plażma li jipprovdu effett ta' tisħin plażmatiku u li jitpoġġew b'mod simetrik madwar il-parti ta' isfel tal-forn biex jipprovdu l-enerġija meħtieġa għar-reazzjonijiet endotermiċi.</p>	
1704848	plate tower scrubber, plate column, impingement scrubber, plate scrubber, plate tower	torri bil-pjanċi
	<p>Apparat għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja fl-għamla ta' torri jew ta' kolonna li jintuża fid-distillazzjoni frazzjonata, li tul l-għoli intern tiegħu jkollu sensiela ta' pjani transversali (forma ta' qanpiena jew perforati) biex jisfuzaw kuntatt intimu bejn il-likwidu nieżel 'l isfel u l-fwar tiela' 'l fuq.</p>	
3567319	polyether-based absorption/desorption system, polyether-based absorption/desorption proċess	sistema ta' assorbiment/desorbiment abbażi ta' polietere, proċess ta' assorbiment/desorbiment abbażi ta' polietere
	<p>Teknika użata biex jitneħħa d-diossidu tal-kubrit mill-gassijiet mit-tromba ta' ċumnija ta' qawwa baxxa; din tinvolvi l-assorbiment fiżiku selettiv tad-diossidu tal-kubrit mill-fluss tal-gass imnaddaf u mkessaħ permezz ta' solvent likwidu bbażat fuq il-polietere b'kapaċità ta' riġenerazzjoni sħiħa.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: L-SO₂ li jitneħħa jintuża għall-produzzjoni ta' SO₂ likwidu jew għall-produzzjoni tal-aċidu sulfuriku.</p>	

131298	post-combustion chamber	kompartment tal-postkombustjoni
	<p>Żona tal-effluent gassuż tal-proċess f'forn tal-metallurġija li tinsab eżatt wara l-kompartment tal-kombustjoni inizjali fejn jinħarqu s-sustanzi niġġiesa organiċi.</p>	
1331146	pouring basin, tundish	vaska intermedja
	<p>Kontenitur b'kisja rifrattarja miftuħ u wiesa', b'toqba waħda jew iktar fil-qiegħ tiegħu, li jintuża għad-distribuzzjoni tal-metall fuż jew imdewweb fil-lingottieri.</p>	
1077360	prebaked carbon anode, prebaked anode	anodu tal-karbonju moħmi minn qabel, anodu moħmi minn qabel
	<p>Blokka kbira tal-karbonju użata għall-konduktività tal-elettriku waqt il-proċess tat-tnaqqis tal-aluminju, li tinħema fi fran kbar ħafna li jaħdmu bil-gass f'temperatura għolja, qabel ma tiġi mniżżla fiċ-ċellola elettrolitika [IATE:1155119].</p>	
1426402	precipitation	preċipitazzjoni
	<p>Sedimentazzjoni [IATE:1427326] ta' materjal solidu (preċipitat) minn soluzzjoni likwida li fiha l-materjal ikun preżenti f'ammonti akbar mis-solubbiltà tiegħu fil-likwidu.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: M'għandux ikun konfuż ma': sedimentazzjoni (kunċett usa') [IATE:1427326].</p> <p>Ara wkoll: preċipitat [IATE:1583817].</p>	

3564480	predictive emission monitoring system, PEMS	sistema predittiva tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet, sistema ta' monitoraġġ tal-previżjoni tal-emissjonijiet, PEMS
	Sistema li tiddetermina l-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet ta' sustanza niġġiesa fuq il-bażi tar-relazzjoni tagħha ma' għadd ta' parametri karatteristiċi tal-proċess li jkunu mmonitorjati kontinwament (pereż. il-konsum tal-gass kombustibbli, il-proporzjon bejn l-arja u l-fjuwil) u ma' data kwalitattiva tal-alimentazzjoni jew tal-fjuwil (pereż. il-kontenut tal-kubrit) ta' sors ta' emissjonijiet.	
3567052	primary emissions	emissjonijiet primarji
	Emissjonijiet rilaxxati direttament mill-fran, li ma jinfirxux fiż-żoni ta' madwar il-fran. Nota dwar il-kunċett: Dan il-kunċett jista' jiġi kkumparat ma': emissjonijiet sekondarji [IATE:3567053].	
1420946	primary metal, virgin metal	metall primarju
	Metall estratt mill-mineral mingħajr iż-żieda ta' ruttam. Nota dwar il-kunċett: Dawn il-metalli jirriżultaw mill- produzzjoni primarja [IATE:1108063]. Ara wkoll: metall sekondarju [IATE:1343844].	
1108063	primary production	produzzjoni primarja
	Il-produzzjoni ta' kwalunkwe prodott li tuża direttament riżorsi naturali. Nota dwar il-kunċett: Hija tinkludi l-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd u l-estrazzjoni minerarja. Il-produzzjoni ta' metalli bl-użu ta' minerali u ta' konċentrati tappartjeni wkoll għal dan is-settur tal-produzzjoni.	
3567272	primary smelting	tidwib primarju
	Tidwib [IATE:3540844] ta' metall primarju [IATE:1420946]. Ara wkoll: tidwib sekondarju [IATE:3567273].	

3564466	proċess off-gas	effluent gassuż tal-proċess
	Il-gass miġbur iġġenerat minn xi proċess li jrid jiġi ttrattat pereż. f'unità għat-tneħħija tal-gass aċiduż u f'unità tal-irkupru tal-kubrit (SRU).	

3565625	pulverised fuel combustion, pulverised combustion	kombustjoni pulverizzata
	Il-kombustjoni tal-faħam jew tal-bijomassa li qabel ikun/tkun ġie(t) ippulverizzat(a).	

3566954	purge gas	gass mitiganti
	Gass nonkondensabbli f'jammabbli jew inert li jiżdied fil-kollektur tal-apparat tal-ivvampjar biex jimmitiga d-dħul tal-arja u l-burnback.	

1181942	pyrometallurgical proċess, pyrometallurgical method	metodu pirometallurġiku, proċess pirometallurġiku
	<p>Kwalunkwe proċess użat fil-pirometallurġija [IATE:1112323].</p> <p>Nota dwar il-kunċett: L-aktar proċessi tal-pirometallurġija importanti huma: it-tnixxif, ix-xiwi [IATE:119998], it-tidwib [IATE:3540844], ir-raffinar, u l-illigar [IATE:1556494].</p>	

3565630	quenching	estinzjoni, tkessiġ rapidu
	<p>Tberrid ta' gass tal-egżost jaħraq qabel ma jidhul f'purifikatur tat-tniġġis.</p> <p>Ara wkoll: quench [IATE:3504089] fil-kuntest tal-emissjonijiet mis-sewqan u nnota d-differenza bejn il-kunċetti użati f'kuntest differenti.</p>	

1505602	reactivity	reattività
	Il-faċilità jew il-ħeffa li biha sustanza tirreaġixxi mal-umdità jew ma' sustanzi oħra.	
3530247	recovery boiler	bojler ta' rkupru
	Bojler tal-fwar u reattur kimiku fis-sistema ta' rkupru fil-produzzjoni tal- polpa kraft [IATE:1485739] u tal- polpa tas-sulfit [IATE:1485724], fejn likur iswed [IATE:1486309] jew kannella [IATE:3563758] jinħaraq f'temperatura għolja u jiġu ġġenerati fwar u potenza.	
3567146	recuperative burner, self-recuperative burner	berner rekuperattiv, berner awtorekuperattiv
	Bernier b'irkupratur integrali għat-tiħin minn qabel tal-arja tal-kombustjoni li tidħol fih.	
976117	refinery fuel	fjuwil tar-raffinerija
	Materjal kombustibbli solidu, likwidu jew f'forma ta' gass mill-istadji tad-distillazzjoni u tal-konverżjoni tar-raffinar taż-żejt grezz.	
3564366	refinery fuel gas, refinery gas, RFG	gass kombustibbli tar-raffinerija, gass tar-raffinerija, RFG
	L-effluwent gassuż mill-unitajiet tad-distillazzjoni jew tal-konverżjoni użat bħala fjuwil.	

1181284	regenerative burner	berner riġenerattiv
	Berner li jikkonsisti minn kompartiment mimli b'medium li jaħżen is-sħana u li minn ġo fih jgħaddu l-gass tal-egżost u l-arja tal-kombustjoni b'mod alternat u li jiċċarġja bil-fluss tal-gass tal-egżost u jiddisċarġja bil-fluss tal-arja.	
3564560	regenerative scrubbing system, regenerative scrubbing, regenerative scrubbing proċess	purifikazzjoni riġenerattiva
	Fir-raffinar tal-pitrolju u tal-gass, teknika ta' prevenzjoni u ta' kontroll tal-emissjonijiet atmosferiċi tal-ossidu tal-kubrit li fiha jintuża reaġent ta' assorbiment ta' SO _x speċifiku (pereż. soluzzjoni ta' assorbiment) li ġeneralment jippermetti l-irkupru tal-kubrit bħala prodott sekondarju tul ċiklu ta' riġenerazzjoni meta r-reaġent jerġa' jintuża.	
3567075	regenerative thermal oxidiser, regenerative afterburner	ossidatur termali riġenerattiv, afterburner riġenerattiv
	Apparat li jservi biex jittratta l-effluwenti gassużi.	
1397797	remelting	tidwib mill-ġdid
	Proċess li matulu l-metall jerġa' jiddewweb sabiex tinbidel il-kompożizzjoni tiegħu jew biex tinbidel il-forma tiegħu għall-produzzjoni ta' xi ħaġa partikolari. Nota dwar il-kunċett: Pereżempju, minn billett għal qanpiena.	
1422168	reverberatory furnace	forn reverbatorju
	Forn metallurġiku jew forn tal-ipproċessar li jiżola l-materjal li jkun qed jiġi pproċessat mill-kuntatt mal-fjuwil, iżda mhux mill-kuntatt mal-gassijiet tal-kombustjoni. Nota dwar it-terminu: Il-varjant ortografiku: "riverbatorju" huwa aċċettat ukoll.	

1478807	reverse osmosis	osmosi inversa
	<p>Proċess li matulu tintuża l-pressjoni biex solvent (ġeneralment ilma) jiġi sfurzat jgħaddi minn membrana semipermeabbli; dan jippermetti li l-ilma (imma mhux il-joni jew molekuli akbar) jgħaddi minn reġjun ta' konċentrazzjoni għolja ta' solut għal reġjun ta' konċentrazzjoni baxxa ta' solut.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Dan il-proċess jintuża kemm fil-filtrazzjoni tal-ilma kummerċjali u kif ukoll f'dik residenzjali, fid-desalinizzazzjoni tal-ilma baħar u fil-purifikazzjoni tal-likwidi li fihom l-ilma huwa impurità mhux mixtieqa (pereż. l-etanol).</p>	
1170318	ring joint gasket, ring joint	għonta anellari
	<p>Għonta ratba u ċatta użata fl-industrija petrokimika, taż-żejt u tal-gass biex tissiġilla konnessjonijiet bil-flanġi soġġetti għal pressjoni u temperaturi għoljin, u li tiffirma siġill minn metall għal metall mal-flanġi.</p>	
3567339	rodding plant	impjant tal-produzzjoni tal-vireg
	<p>Parti mill-impjant tal-produzzjoni tal-anodi tal-karbonju fejn il-blokk tal-anodi moħmija li jkunu nkisbu fl-impjant tal-ħami, jitqabdu mal-vireg tal-anodi (li jkun fihom stanga tal-aluminju b'konduktività elettrika tajba, b'gog imwaħħal magħha) permezz ta' studs tal-azzar sabiex imbagħad ikunu jistgħu jintużaw.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-partijiet l-oħra tal-impjant huma l-impjant tal-pasta [IATE:3567335] u l-impjant tal-ħami [IATE:3567337].</p>	
3566949	rotary drum, rotary drum thickener	tanbur rotatorju, tanbur rotatorju tat-tħaxxin
	<p>Unità użata għat-tħaxxin tal-ħama li tikkonsisti minn skrins ċilindriċi rotatorji, li fiha jitħalltu alimentazzjoni polimerika u ħama rqiqa biex jifflokkulaw u mbagħad jinfirdu mill-ilma fit-tanbur rotatorji diviżorji.</p>	

1427313	rotary furnace	forn rotatorju
	Forn ċilindriku inklinat orizzontalment li jdur madwar il-fus fiss tiegħu.	
138506	rotary kiln	kalkara rotatorja
	<p>Apparat inklinat b'mod ċilindriku u orizzontali li jdur madwar l-assi fiss tiegħu, li jintuża biex jgħolli materjali għal temperatura għolja.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: FI-industrija metallurġika, il-kalkari rotatorji jużaw l-istess arranġament bħall-fran rotatorji [IATE:1427313] imma joperaw mingħajr ma jdewbu t-tagħbija.</p>	
1623689	roundwood, round timber	injam tond
	Il-volum kubiku ta' arbuxxelli, staneg u sezzjonijiet oħra tondi tal-injam hekk kif jinqatgħu minn mas-siġar.	
3567352	salt slag	gagazza tal-melħ
	Taħlita ġġenerata waqt it-tidwib ta' metalli ħfief (aluminju u manjeżju) bl-użu ta' taħlitiet tal-imlieħ (flussi ta' mlieħ) biex il-metall likwidu/fuż jitgħatta bil-għan li tiġi evitata l-ossidazzjoni u jżiedu l-produzzjoni u l-effiċjenza termiċi.	
1339585	sand filtration	filtrazzjoni bir-ramel
	Metodu biex jitneħħew is-solidi sospiżi mill-ilma.	

1242522	sandblasting	tindif bit-tfiġħ tar-ramel, sandblasting
	<p>Proċess li matulu ramel, żibeġ tal-ħġieġ jew xi mezz ieħor jintefa' b'veloċità qawwija minn magna min-naħa għall-oħra tal-wiċċ ta' materjal iebes sakemm dan jiġi xkatlat għalkollox.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: It-tindif bit-tfiġħ tar-ramel ħafna drabi jsir biex titneħħa l-finitura ta' qabel minn fuq oġġett, biex jitneħħa s-sadid, biex jitneħħa xi trab, jew biex jiġi ppreparat il-wiċċ għal passata ġdida żebgħa. Il-mezz użat biex jitnaddaf il-wiċċ jiddependi minn kemm ikun diffiċli l-proċess tat-tneħħija u minn kemm il-materjal ikun jiflaħ għall-impatt.</p>	

3565645	screw press, dewatering screw press	pressa tal-viti
	<p>Apparat mekkaniku li jiċċaqtaq bilmod użat għas-separazzjoni tas-solidi mil-likwidi u li jifhem abbażi tat-teorija tat-trasferiment tas-solidi minn ġo skrin ċilindriku li joffri volum dejjem jonqos permezz ta' żieda fid-dijametru tax-xaft.</p>	

3555467	scrubbing liquid	likwidu ta' purifikazzjoni
	<p>Likwidu użat biex ineħħi l-inkwinanti (sustanzi niġġiesa) mill-gass mit-tromba ta' ċumnija f'purifikazzjoni niedja [IATE:1413621].</p> <p>Nota dwar il-kunċett: F'purifikatur niedi, il-fluss tal-gass imniġġes jinġiebi f'kuntatt mal-likwidu ta' purifikazzjoni billi: jew jiġi mrxax flimkien mal-likwidu, jew jiġi sfurzati minn ġo għadira tal-likwidu, jew inkella b'xi metodu ieħor ta' kuntatt, biex b'hekk jitneħħew l-inkwinanti.</p> <p>Ara wkoll: purifikatur niedi [IATE:1422077].</p>	

3567053	secondary emissions	emissjonijiet sekondarji
	<p>Emissjonijiet li jaħrabu mill-kisi tal-forn jew waqt xi operazzjonijiet bħat-tagħbien jew l-ittappjar u li jinqabdu b'kappa jew b'interkjużura (bħal pereżempju doghouse [IATE:1642283]).</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Dan il-kunċett jista' jiġi kkumparat ma': emissjonijiet primarji [IATE:3567052].</p>	

1343844	secondary metal	metall sekondarju
	Prodott tal-metall maħluq minn ruttam u minn skart tal-proċess (materjal sekondarju).	
1696497	secondary production	produzzjoni sekondarja
	<p>Il-manifattura ta' oġġetti minflok il-produzzjoni ta' materja prima.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-produzzjoni sekondarja tuża l-output tal-produzzjoni primarja u timmanifattura l-oġġetti lesti.</p> <p>Ara wkoll: produzzjoni primarja [IATE:1108063].</p>	
3567273	secondary smelting	tidwib sekondarju
	<p>Tidwib [IATE:3540844] ta' metall sekondarju [IATE:1343844].</p> <p>Ara wkoll: tidwib primarju [IATE:3567272].</p>	
1427326	sedimentation, settling	sedimentazzjoni
	<p>Is-separazzjoni ta' partikuli solidi minn likwidu jew minn gass minħabba l-gravità jew taħrik ċentrifugali u l-formazzjoni ta' sediment [IATE:1542476].</p> <p>Ara wkoll: preċipitazzjoni [IATE:1426402].</p>	
3566815	segregation of waters, wastewater segregation	segregazzjoni tal-ilma mormi
	<p>Separazzjoni tal-ilmijiet varji tal-ipproċessar skont it-tagħbija tagħhom ta' skart jew il-livell ta' trattament meħtieġ.</p>	

137838	selective non-catalytic reduction, SNCR	riduzzjoni mhux katalitika selettiva, tnaqqis mhux katalitiku selettiv, SNCR
	<p>Teknika bbażata fuq ir-riduzzjoni ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x) għal nitroġenu permezz tar-reazzjoni mal-ammonijaka jew l-urea f'temperatura għolja.</p> <p>Nota dwar it-terminu: Fil-kimika "reduction" ma tfissirx tnaqqis iżda tirreferi għal kwalunkwe reazzjoni kimika li tinvolvi l-akkwist ta' elettroni. Għalhekk it-terminu "riduzzjoni" fil-kimika huwa preferut għal "reduction" biex tiġi evitata kull ambigwià.</p>	
3567511	semi-closed furnace	forn semimagħluq
	<p>Forn tat-tidwib b'saqaf semimagħluq li fih l-arja tinġibed 'il ġewwa mill-ġnub tal-forn u tikkawża kombustjoni - l-ossiġenu fl-arja immedjatement jossidizza s-CO f'CO₂, filwaqt li l-gass maħruq u t-trab jinġibdu minn żbokki tal-gass fis-saqaf għal ġo kamra bil-filtri ("bag house").</p> <p>Ara wkoll: forn magħluq [IATE:3567653].</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Bil-proċess tat-tidwib, il-fran magħluqa u dawk miftuħa jipproduċu l-istess ammont ta' CO₂, imma l-arja li tinġibed f'forn semimagħluq tbiddel il-kundizzjonijiet taħt is-saqaf tal-forn minn riduzzjoni għal ossidazzjoni.</p>	
1146787	settler	separatur
	<p>Reċipjent li fih isseħħ is-sedimentazzjoni [IATE:1427326].</p>	
1427325	shaft furnace	forn vertikali
	<p>Ċilindru vertikali b'kisja rifrattarja li fih tinżamm sodda fissa (jew kolonna dixxendenti) ta' solidi, u li minnu jiġi sfurzat fluss axxendenti ta' gass sħun.</p>	

3567247	silo vent	vent tas-sajlo
	Sistema ta' ventilazzjoni għas-sajlos fejn ikun maħżun il-materjal.	
3567508	single jet burner, single jet concentrate burner	berner b'ġett wieħed
	Tip ta' berner użat fil-forn flash.	
3567333	single-stream digestion, single streaming	diġestjoni ta' fluss wieħed
	Fil-produzzjoni tal-alumina, it-tisħin ta' sospensjoni magħquda kkombinata tal-boksit u tal-likur.	
1423317	skimmings	xkuma
	Fil-produzzjoni tal-aluminju, il- ħmieġ tal-metall [IATE:1211546] li jkun fih aktar minn 45% metall.	
1213204	skip	skipp
	Reċipjent fl-għamla ta' barmil, kaxxa, basket, gaġġa jew vagun, li fih jittellgħu jew jitniżżlu materjali jew bnedmin.	

1077258	slab	qatgħa njam
	Biċċa njama sserrata minn zokk ta' siġra biex tinħadem bħala tavla.	
1401665	slag	gagazza ta' kalkara tal-funderija, gagazza
	Residwu vitrifikat jew parzjalment vitrifikat tat- tidwib [IATE:3540844] li jkun fih l-iktar silikati - is-sustanzi li mhumiex imfittxija għall-produzzjoni tal- matta [IATE:1203902] jew tal-metall u li għandhom gravità speċifika iktar baxxa minn dawn tal-aħħar.	
3567528	slag concentrator	konċentratur tal-gagazza
	Unità li fiha l-gagazzi mdewba rikki bir-ram miksuba mill-proċessi tat-tidwib u/jew tal-konverżjoni jitberrdu, jitfarrku u jintafnu fin-niedi, u wara jiġi rkuprat ir-ram bil-flotazzjoni biex jiġi prodott konċentrat tal-gagazza.	
3567512	slag fuming furnace	forn tal-iffumigar tal-gagazza
	Forn fejn isir l- iffumigar tal-gagazza [IATE:3567483].	
3567483	slag fuming, zinc fuming	iffumigar tal-gagazza
	Proċess li permezz tiegħu r-residwu tal-konċentrati taż-żingu wara x-xiwi u l-lixxivazzjoni bl-aċidu sulfuriku, jiddewweb biex jifforma gagazza li minnha jintnefaħ il-faħam f'forma ta' trab jew il-kokk flimkien mal-arja.	

1600175	slagging	gagazzar
	<p>Il-formazzjoni ta' materja solida mdewba li tibqa' bħala residwu wara li jiġi sseparat il-metall mill-mineral tiegħu.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-gagazzar jintuża biex jissepara l-metall mill-impuritajiet li jkun hemm fil-mineral. Il-gagazza hija r-residwu solidu tal-produzzjoni pirometallurġika tal-metall u tiffirma mill-elementi kollha mhux mixtieqa li jkun fih il-mineral. L-aġenti tal-gagazzar jintużaw biex jgħinu f'dan il-proċess ta' separazzjoni tal-metall mill-bqija.</p>	

160217	smelter-grade alumina, metallurgical-grade alumina	alumina metallurġika
	<p>Alumina [IATE:1552043] użata fil-manifattura tal-aluminju.</p>	

3540844	smelting	tidwib
	<p>Proċess li jifred il-metall mill-minerali tiegħu bit-tiġin tal-minerali sa temperatura għolja f'forn xieraq fil-preżenza ta' aġent ta' riduzzjoni bħall-karbonju, u aġent ta' kopertura, bħall-ġebla tal-ġir.</p>	

3564481	sniffing method	metodu tal-isniffing
	<p>Id-detezzjoni ta' nixxijiet tal-gass bl-użu ta' analizzaturi li jinżammu fl-idejn biex ikejlu l-konċentrazzjoni tal-gassijiet li jaħarbu f'idejn it-tagħmir (pereż. bl-użu tal-jonizzazzjoni bi fjamma jew il-fotojonizzazzjoni).</p> <p>Nota dwar it-terminu: Din it-teknika tinvolvi l-użu ta' apparat ta' detezzjoni msejjaħ "sniffer", għaldaqstant it-terminu "xamm" hawnhekk ma jkunx korrett.</p>	

1251566	softboard	bord ratba
	Bord tal- fajberbord [IATE:1621783] ta' densità baxxa bi skopijiet multipli, durabbli, ħafifa u li faċli timmanipulaha.	

3564483	solar occultation flux, SOF	fluss tal-okkultazzjoni solari, SOF
	Metodu biex wieħed jillocalizza u jikkwantifika l-emissjonijiet ta' idrokarburi li jaħrabu mill-industrija abbażi ta' kejl ta' spettri tal-intensità tal-infraaħmar tax-xemx minn veikolu jiċċaqlaq.	

3563762	speciality paper mill	impjant tal-karta speċjali
	Impjant li jipproduċi gradi diversi ta' karti u ta' bordijiet għal skopijiet speċjali (industrijali u/jew nonindustrijali) li jkunu karatterizzati minn proprjetajiet partikolari, u li jkollhom użu finali limitat fis-suq jew f'niċċa mis-suq, maħsuba għall-bżonnijiet speċifiċi ta' klient partikolari jew ta' grupp ta' utenti finali.	

3567330	specialty alumina, non-metallurgical alumina, non-smelter grade alumina, speciality alumina	alumina ta' speċjalità, alumina mhux metallurġika
	Kwalunkwe prodott ta' alumina li ma jintużax għall-produzzjoni tal-aluminju. Ara wkoll: alumina metallurġika (kunċett relatat) [IATE:160217].	

3567341	spent potlining, spent pot lining	kisi refrattarju eżawrit taċ-ċellola, kisi taċ-ċellola użat
	<p>Kisi doppju li jkopri l-istruttura tal-azzar taċ-ċelloli elettrolitiċi (i.e. il-kisja refrattorja jew iżolanti esterna u l-kisja interna magħmula mill-karbonju li jaġixxi ta' katodu taċ-ċellola elettrolitika) li, wara ċertu żmien ta' operazzjoni (bejn 5-8 snin) taċ-ċellola, minħabba li l-blokk tal-karbonju jkunu assorbew l-elettrolit u għalhekk ikunu soġġetti għal erożjoni, nefħa u tixxiq, ma jibqax jiffunzjona u jkollu jitneħħa.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Dan il-kisi jitqies bħala materjal ta' skart iġġenerat mit-tidwib tal-aluminju primarju i.e. mill-proċess ta' estrazzjoni tal-metall tal-aluminju mill-ossidu tal-aluminju (magħruf bħala alumina).</p>	

3566955	spiral wound gasket, spiral wound	għonta spirali
	<p>Siġill mekkaniku li jimla l-ispazju bejn żewġ uċuħ ta' aġġustament ġeneralment biex tiġi evitata tnixxija mill-oġġetti magħqudin jew ġo fihom waqt li jkunu taħt kompressjoni, li jkun magħmul minn taħlita ta' materjal metalliku u materjal tal-mili (filler).</p>	

1350270	spot sample, grab sample, instantaneous sample	kampjun istantanju, kampjun immedjat, kampjun aleatorju
	<p>Kampjun jew qies uniku meħud f'ħin speċifiku jew fuq l-iqsar perjodu ta' żmien fattibbli.</p> <p>Nota dwar it-terminu: It-termini "kampjun istantanju" u "kampjun immedjat" huma ppreferuti. Minkejja li t-terminu "kampjun aleatorju" insibuh użat f'xi atti leġislattivi tal-UE fis-seħħ, pjuttost huwa l-ekwivalenti ta' "random sample".</p> <p>Ara wkoll: kampjunar istantanju [IATE:1752750].</p>	

1449070	sprinkling, spraying	tbexxix, traxxix
	<p>Tnaqqis preventiv ta' emissjonijiet permezz tat-tixrid ta' qtar żgħir tal-ilma fuq superfiċje biex jitrażżan it-trab.</p>	

1182385	staged combustion, off-stoichiometric combustion	kombustjoni fi stadji
	Teknika ta' dinitrifikkazzjoni li tnaqqas l-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu (NO _x), li tikkonsisti fid-dożar tal-arja u tal-fjuwil fis-sistema tal-kombustjoni b'tali mod li titbaxxa t-temperatura tal-fjamma u jinħolqu żoni ta' riduzzjoni li fihom jiffurmaw frammenti karboniċi li jattivaw l-istadji tar-reazzjoni responsabbli mill-qerda tal-ossidi tan-nitroġenu, tkun xi tkun l-oriġini tagħhom.	
3567519	stainless steel cathode blank	pjanċa katodika tal-azzar inossidabbli
	<p>Fil-produzzjoni tar-ram, katodu magħmul mill-azzar inossidabbli użat sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċess tar-raffinar tar-ram.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Matul il-proċess tar-raffinar, ir-ram pur jiffurma fuq il-katodu u jeħel mal-katodu tal-azzar inossidabbli. Fil-produzzjoni tal-kobalt dan il-katodu tal-bidu ikun magħmul mit-titanju.</p> <p>Nota dwar it-terminu: L-espert ikkonsultat qalilna li t-terminu "blank" f'dan il-kuntest, jirreferi għal sempliċi folja/pjanċa tal-azzar inossidabbli, li ma tkunx manifatturata b'mod kumpless i.e. materjal "verġni".</p>	
3566852	static olfactometry	olfattometrija statika
	<p>Metodu ta' olfattometrija [IATE:1687777] li fih il-kejl huwa bbażat fuq id-dilwizzjoni ta' taħlita ta' żewġ volumi magħrufa ta' gassijiet (ta' kampjun irejjaħ u ta' gass newtrali) li jkunu ġo flixkun magħluq.</p> <p>Ara wkoll: olfattometrija dinamika [IATE:3566851].</p>	
1448741	steam	fwar, stim
	<p>L-ilma fil-fażi gassuża tiegħu meta jinqabeż il-punt tat-togħlija.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Importanti ħafna li dan il-kunċett ma jiġix imfexxkel ma' dak ta' "fwar tal-ilma" [IATE:1097430]. L-istim jiffurma meta jinqabeż il-punt tat-togħlija tal-ilma, filwaqt li l-fwar (tal-ilma) ikollu l-istess temperatura tal-arja li jkun hemm madwaru.</p>	

301536	stibine, stibane	stibina
	Sustanza bil-formola SbH_3 .	
1486283	stripping	strippaġġ, estrazzjoni permezz ta' fluss ta' fwar
	Proċess ta' separazzjoni fiżika fejn komponent wieħed jew iktar jitneħħew minn fluss likwidu permezz ta' fluss ta' fwar.	
3567303	stripping machine, cathode stripping machine	magna ta' strippaġġ, magna ta' strippaġġ tal-katodi
	Fl-eletroraffinar tal-metalli, magna li tneħħi (tistrippja) il-metall iddepożitat fuq il-pjanċa katodika.	
1367249	submerged electric arc furnace, submerged arc furnace	forn bl-ark elettriku mġhaddas, forn bl-ark mġhaddas
	Sottotip partikolari ta' forn bl-ark elettriku [IATE:1367245] li jkollu l-elettrodi midfuna fil-fond tal-forn.	
3567482	sulfidation, sulphidation	sulfurazzjoni
	Proċess ta' żieda ta' joni ta' sulfur (S^{2-}) f'xi materjal jew f'xi molekula.	
1211433	sulfide ore, sulphide ore	mineral tas-sulfur
	Mineral tas-sulfur li jokkorri b'mod naturali (kompost tas-sulfur b'metall wieħed jew iżjed) u li minnu tista' ssir estrazzjoni ta' xi metall jew ta' xi minerali prezzjużi li twassal għal profitt.	

1485738	sulphate pulp	polpa bis-sulfat
	Polpa kimika manifatturata bit-tisjir ta' soluzzjoni li jkun fiha l-idrossidu tas-sodju u s-sulfur tal-idroġenu tas-sodju bħala komponenti attivi, possiblament akkumpanjati minn aġenti oħra, inkluż il-likur iswed.	
1485724	sulphite pulp, sulfite pulp	polpa tal-bisulfit, polpa tas-sulfit
	Polpa kimika prodotta bis-sulfur tas-sodju bħala l-kimika tat-tisjir ewlenija, permezz tad-diġestjoni ta' laqx tal-injam f'likur alkalin tat-tisjir i.e. soluzzjoni akwuża ta' idrossidu tas-sodju u ta' sulfur tas-sodju (l-hekk imsejjaħ "likur abjad"). Ara wkoll: likur abjad [IATE:1076198].	
1415844	surface run-off, surface runoff, overland flow	ilma tax-xeba', skol tas-superfiċje
	L-ilma tax-xita jew tas-silġ li jdub, jew li ġej minn sorsi oħra, li jiskula fuq wiċċ l-art u li huwa komponent ewlieni taċ-ċiklu tal-ilma.	
1171367	sweetening proċess, sweetening	taħlil
	Proċess kimiku li jneħħi, parzjalment jew kompletament il-gass aċiduż (H_2S u/jew CO_2) li jkun hemm fil-gass naturali jew fil-petrol, għal raġunijiet ta' sikurezza. Nota dwar it-terminu: Minn "ħela" / "ħala" / ħola" - to become sweet. Taħlil huwa l-verb nominali u jfisser <i>sweetening</i> . (Ara: Aquilina Joseph, <i>Maltese-English Dictionary</i> , Midsea Books Ltd, 1987).	
1171421	synthesis gas, synthetic gas, syngas	gass sintetiku, gass ta' sinteżi, syngas
	Taħlita ta' monossidu tal-karbonju, diossidu tal-karbonju u idroġenu prodotti mill- gassifikazzjoni [IATE:1154216] ta' fjuwil li jkun fih il-karbonju għal prodott gassuż li jkollu ċertu valur kalorifiku.	

1146838	tail gas	gas residwu
	Gass tal-egżost minn unità tal-irkupru tal-kubrit użata fl-ipproċessar tal-gass naturali.	
1583779	tank farm	żona tat-tankijiet
	Ġabra ta' tankijiet tal-ħżin li jkunu jinsabu fuq l-istess sit.	
1331135	tapping	ttappjar
	Meta tinfetaħ it-toqba ta' forn ta' fużjoni li minnha joħroġ u jitneħħa l-metall fuż jew imdewweb.	
1300762	tert-pentyl methyl ether, 2-methoxy-2-methylbutane, tertiary amyl methyl ether, methyl tert-amyl ether, tert-amylmethyl ether, TAME	terz-pentilmetiletere, 2-metossi-2-metilbutan, amil-terzjarju-metil-eter, metilterz-amiletere, terz-amilmetiletere, TAME
	Etere użat bħala ossiġenat tal-fjuwil jiġifieri addittiv tal-fjuwil u tejjieb tal-ottan fil-petrol riformulat, fil-fjuwil ossiġenat u fi gradi premium tal-petrol bla ċomb.	
3566958	thermal oxidation, thermal incineration, oxidative combustion	ossidazzjoni termali, inċinerazzjoni termali, kombustjoni ossidattiva
	Proċess ta' kombustjoni li matulu l-kontaminanti fi fluss ta' gass ta' skart jirreaġixxu mal-ossiġenu f'ambjent b'temperatura kontrollata, il-kontaminanti fil-gass tal-egżost imniġġes jinqerdu, u jiġu rilaxxati biss CO ₂ , fwar tal-ilma, u sħana.	

3540524	thermal oxidiser, afterburner	ossidatur termali, afterburner
	<p>Unità tal-ipproċessar għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja f'ħafna impjanti kimiċi li tittratta l-effluenti gassużi u li tikkonsisti f'sistema ta' kombustjoni li fiha, is-sustanza niġġiesa fil-fluss tal-gass tal-egżost tirreaġixxi mal-ossiġenu f'ambjent b'temperatura kkontrollata biex tinħoloq reazzjoni ta' ossidazzjoni.</p>	

1486294	thickening	tħaxxin
	<p>Tneħħija ta' parti mill-ilma minn sospensjoni permezz tal-gravità, tal-flotazzjoni jew ta' kwalunkwe metodu ieħor li ma jneħħix l-ilma kollu.</p> <p>Ara wkoll: tneħħija tal-ilma [IATE:1339521].</p>	

1167952	tilted plate interceptor	interċettatur bil-pjanċi inklinati
	<p>Separatur b'serje ta' pjanċi paralleli mal-assi lonġitudinali li jiffurmaw V meta tħares lejhom tul l-assi tal-fluss, li l-aktar jintuża fis-separazzjoni bil-gravità ta' żejt liberu minn ilma mormi jew minn solidi sospiżi għat-trattament ta' ilma żejtnei f'sistema ta' ilma żejtnei.</p>	

3567360	tilting rotary furnace, tilting furnace, tilting rotary melting furnace, tilt rotary furnace	forn rotatorju jaqleb
	<p>Forn rotatorju b'mekkaniżmu tal-qlib integrat.</p>	

1345565	time-proportional composite sample	kampjun aggregat proporzjonali għall-ħin
	<p>Kampjun li jinħoloq billi jinġabar volum fiss ta' aliquoti [IATE:1594552] ta' kampjuni diskreti f'intervalli kostanti.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-monitoraġġ aggregat proporzjonali għall-ħin ikun adegwat meta l-fluss tal-kurrent li minnu jittieħed il-kampjun ikun kostanti (ir-rata tal-fluss me tinbidilx ħafna iktar minn ± 10 fil-mija tar-rata tal-fluss medja) jew meta t-tagħmir ta' monitoraġġ tal-fluss ma jkunx disponibbli.</p> <p>Ara wkoll: kampjun aggregat [IATE:3508466] u kampjun aggregat proporzjonali għall-fluss [IATE:182798].</p>	

383427	tissue paper, hygiene paper, tissue	tixju, karta tixju
	<p>Karta ħafifa, ratba u soda b'piż normalment ta' bejn it-12 u l-75 g/m², li l-proprietajiet prinċipali tagħha jkunu l-irtubija u l-lixx, l-indafa, il-kapaċità għolja ta' assorbenza u s-saħħa.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Din tista' tintuża fost l-oħrajn bħala tixju għall-wieċċ, xugaman tal-karti, karta iġenika u sarveta tal-karti.</p>	

3567297	top-blown rotary converter furnace, top-blown rotary converter, top-blown rotary furnace, TBRC	forn konvertitur rotatorju msaħħan minn fuq, konvertitur rotatorju msaħħan minn fuq, forn rotatorju msaħħan minn fuq
	<p>Konvertitur rotatorju mħaddem b'lanez tal-ossifjuwil użat għat-tidwib u r-raffinar ta' metalli nonferrużi, tipikament ir-ram.</p>	

3566755	total inorganic nitrogen	nitroġenu inorganiku totali
	Il-konċentrazzjoni ta' nitroġenu inorganiku disponibbli (nitrat u ammonju mgN l ⁻¹).	

1409651	total Kjeldahl nitrogen, TKN	nitroġenu Kjeldahl totali, TKN
	Konċentrazzjoni totali tan-nitroġenu organiku u tal-ammonja.	

1255139	total nitrogen	nitroġenu totali
	Somma tan-nitrat-nitroġenu (NO ₃ -N), nitrit-nitroġenu (NO ₂ -N), ammonja-nitroġenu (NH ₃ -N) u nitroġenu marbuta b'mod organiku.	

1013900	total phosphorus	fosforu totali
	Il-komposti inorganiċi u organiċi kollha tal-fosforu, maħlulin jew marbutin mal-partikuli ta' kampjun.	

3563774	total reduced sulphur, TRS	kubrit ridott totali, TRS
	Somma ta' dawn il-komposti tal-kubrit ridotti u jintnu ġġenerati fil-proċess tal-produzzjoni tal-polpa u li jinsabu fil-gass taċ-ċumnija: sulfur tal-idroġenu [IATE:1479533], metanetjol, dimetilsulfur [IATE:1479777] u dimetildisulfur [IATE:1479778].	

1244628	total suspended solids	solidi totali sospiżi
	Il-partikuli kollha sospiżi fl-ilma li huma ikbar minn żewġ mikrometri u li ma jgħaddux minn ɠo filtru.	
297874	total volatile organic compounds, TVOC	komposti organiċi volatili totali, TVOC
	<p>Grupp ta' firxa wiesgħa ta' komposti kimiċi organiċi biex ir-rappurtar jiġi ssimplifikat meta dawn ikunu preżenti fl-arja ambjentali jew fl-emissjonijiet.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-komposti organiċi volatili totali jitkejlu permezz ta' individwatur tal-jonizzazzjoni bi fjamma u jiġu espressi bħala karbonju totali (f'milligrammi għal kull metru kubu [mg/m³]).</p>	
1035827	totally chlorine-free, TCF	mingħajr kloru totalment, TCF
	<p>Fir-rigward tat-tessuti prodotti minn materja prima (polpa, qoton, eċċ.), din hija referenza għal prodotti li jkunu ɠew ibbliċjati mingħajr kwalunkwe tip ta' klorur, jew li ma jkunu ɠew ibbliċjati xejn.</p> <p>Ara wkoll: mingħajr kloru elementali [IATE:1035828] u mingħajr kloru proċessat [IATE:3531503].</p>	
1097797	turbo-expander, expansion turbine, expander turbine, expander	turbina ta' espansjoni, expander
	Turbina li fiha l-gass jespandi u jipproduċi enerġija mekkanika.	

3567308	turnings	turnjatura
	Bċejjeċ jew strixxi rqaq prodotti meta l-metall jiġi ffurmat fuq torn.	
1450714	ultrafiltration, ultra filtration, UF	ultrafiltrazzjoni, UF
	<p>Tip ta' proċess ta' separazzjoni b'membrana [IATE:1912011] (proċess ta' filtrazzjoni) li jinvolvi l-użu ta' membrani li jistgħu jneħħu partikuli ta' 0.001–0.1 µm mill-fluwidi.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Peress li l-ultrafiltrazzjoni tuża membrani b'daq tal-pori ħafna iżgħar minn dawk użati fil-mikrofiltrazzjoni [IATE:1704677], hija tneħħi mhux biss il-batterji kollha, imma anki l-viruses.</p> <p>Ara wkoll: nanofiltrazzjoni [IATE:1182866] u osmosi inversa [IATE:1478807].</p>	
3565632	upstream wood processing	proċessar tal-injam upstream
	<p>L-ipproċessar kollu tal-injam minn meta l-materja prima tal-injam tħalli l-maħżen.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-proċess tat-tnixxif jew l-ippressar tal-pannelli mhumiex inklużi.</p>	
1351352	urea	urea
	Kompost organiku bil-formula kimika CO(NH ₂) ₂ .	
3567504	variable-frequency drive	unità ta' kontroll bi frekwenza varjabbli
	Tip ta' aġġustatur tal-veloċità użat f'sistemi ta' trażmissjoni elettromeġġanika biex jiġu kkontrollati l-veloċità u t-torque ta' mutur AC bil-varjazzjoni tal-input tal-frekwenza u l-vultaġġ fil-mutur.	

1422087	Venturi scrubber	purifikatur Venturi
	Apparat iddisinjat bil-għan li juża l-enerġija mill-fluss tal-gass fil-bokka b'mod effettiv biex jatomizza l-likwidu li jkun qed jintuża biex jiġi ppurifikat il-fluss tal-gass.	
1171844	visbreaker	unità tat-tnaqqis tal-viskożità
	Parti mill-impjant tal-konverżjoni termika li twettaq il-proċess tat- tnaqqis tal-viskożità [IATE:1343806].	
1343806	visbreaking	tnaqqis tal-viskożità
	Konverżjoni termika fuq frazzjonijiet likwidi taż-żejt mhux maħdum li għandha l-effett li tbaxxi l-viskożità tar-residwu u b'hekk tnaqqas ir-rendiment tiegħu u tipproduċi ċerta kwantità ta' gass, petrol u żejt tal-gass.	
3567259	Waelz kiln	kalkara Waelz
	Kalkara rotatorja użata għar-riċiklaġġ taż-żingu.	
3567245	waste gas, stack gas	gass ta' skart, gass taċ-ċumnija
	L-iskariku gassuż finali, li jkun fih komposti organiċi volatili (VOC) jew sustanzi niġġiesa oħra, minn ċumnija jew minn tagħmir tar-riduzzjoni għal ġol-arja. Nota dwar il-kunċett: Dan il-kunċett m'għandux jiġi mfixkel ma' dak ta' " gass mit-tromba ta' ċumnija " [IATE:1244520].	

1427151	waste incineration	inċinerazzjoni tal-iskart
	Trattament termali tal-iskart.	

928094	water cannon	kanun tal-ilma
	<p>Apparat li jiffa' ġett ta' ilma b'veloċità kbira li jkopri distanzi twal.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Dan it-tagħmir jintuża fit-tifi tan-nar, fil-kontroll ta' rewwixti, fil-ħasil ta' vetturi kbar, eċċ.</p>	

1422077	water scrubber, washer, wet scrubber, gas washer	purifikatur niedi
	<p>Fil-kontroll tat-tniġġis tal-arja, apparat ta' traxxix ta' likwidu (normalment ilma) biex jiġbor il-partikoli niġġiesa f'gassijiet mit-tromba ta' ċumnija [IATE:1244520].</p>	

1097430	water vapour	fwar tal-ilma
	<p>L-ilma fil-fażi gassuża tiegħu u fl-istess temperatura tal-arja li fiha jkun mifruż.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Importanti ħafna li dan il-kunċett ma jiġix imfixkel ma' dak ta' "stim" [IATE:1448741]. Il-fwar (tal-ilma) ikollu l-istess temperatura tal-arja li jkun hemm madwaru filwaqt li l-istim jiffurma meta jinqabeż il-punt tat-togħlija tal-ilma.</p>	

3565956	wet abatement	tnaqqis niedi
	<p>Applikazzjoni ta' teknoloġija li tinvolvi l-użu tal-ilma, f'xi għamla jew oħra, biex tnaqqas it-tniġġis tal-arja (tneħħi s-sustanzi niġġiesa) u/jew biex tnaqqas l-impatti tiegħu fuq l-ambjent.</p>	

3563740	wet absorption system, multistage double inlet downstream scrubber	sistema ta' assorbiment umdu, purifikatur multistadju ekwivalenti bialimentat
	Sistema għall-eliminazzjoni tad-diossidu tal-kubrit (SO ₂) permezz tas-soluzzjoni alkalina Mg (OH) ₂ , li tikkonsisti fi tliet stadji: fluss favur il-kurrent permezz stadju bifluss ta' bisulfit b'pompi ċirkolanti, segwit minn stadju ta' fluss kontrokurrenti ta' bisulfit, segwit minn żewġ stadji konnessi f'serje kontrokurrenti ta' (mono)sulfit.	

139287	wet electrostatic precipitator	preċipitatur elettrostatiku niedi
	Preċipitatur li jinvolti stadju ta' purifikazzjoni niedja li jippurifika u jikkondensa l-gass ta' skart [IATE:3567245], u preċipitatur elettrostatiku [IATE:1350186] li jaħdem fil-modalità niedja fejn il-materjal miġbur jitneħħa mill-pjanċi tal-kollekturi billi jifflaxxjahom bl-ilma.	

1413621	wet scrubbing, scrubbing	purifikazzjoni niedja
	It-tneħħija ta' komposti solidi, likwidi u/jew gassużi minn fluss ta' gass permezz tat-trasferiment tagħhom f'likwidu tal-purifikazzjoni.	

1485832	wet strength paper, wet-strength paper	karta reżistenti għall-umdu
	Karta bi proprjetajiet ta' saħħa aħjar f'kundizzjonijiet ta' umdità.	

1485774	white water	ilma abjad
	Ilma tal-ipproċessar ta' impjant tal-karti li jkun ġie sseparat mis-sospensjoni tal-istokk jew tal-polpa fuq il-magna tal-karti jew inkella fuq xi tagħmir aċċessorju bħal ħaxxiena, lavandiera rkupraturi jew maċinaturi tal-polpa.	
1450746	zeolite	żeolit
	Grupp ta' minerali aluminosilikati mikroporużi użati l-aktar bħala adsorbenti u katalizzaturi kummerċjali.	
1182838	zinc ferrite	ferrit taż-żingu
	Kompost inorganiku sintetiku taż-żingu u tal-ħadid (ferrit) bil-formula ġenerali $Zn_xFe_{3-x}O_4$.	

TINSEWX LI...

dawn id-definizzjonijiet u n-noti kollha tistgħu ssibuhom ukoll fuq l-interfaċċa pubblika tal-IATE, aċċessibbli minn <http://iate.europa.eu/>

Mhux hekk biss: għal kull terminu kkwotat hawnhekk, din il-bażi ta' data terminoloġika tipprovdi għadd ta' referenzi importanti, inkluż is-sors minn fejn tkun inkisbet id-definizzjoni kif ukoll kuntesti meħuda minn dokumenti ppubblikati fejn ikun okkorra t-terminu mfittex.